P A R L A M E N T   E W R O P E W

EDIZZJONI SPEĊJALI

# KUNSILL EWROPEW
# 4 u 5 ta' Novembru 2004
# Brussell

**DISKORS TAL-PRESIDENT, JOSEP BORRELL FONTELLES**
**KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA**




03/S-2004

*D i r e t t o r a t   Ġ e n e r a l i   g ħ a l l - P r e s i d e n z a*

MT MT

**(Intranet) http://www.europarl.ep.ec/bulletins (Special Edition 2004)**
**(Internet) http://www.europarl.eu.int/bulletins (Special Edition 2004)**

***\\EPADES\PUBLIC\SOMMET\2004\06-Bruxelles***

# DISKORS TAL-PRESIDENT, JOSEP BORRELL FONTELLES

**KUNSILL EWROPEW**
**4 ta' Novembru 2004**
**Brussell**

Sinjuri Membri tal-Kunsill Ewropew,

Huwa unur kbir għalija li nindirizzakom għall-ewwel darba bħala President tal-Parlament Ewropew.

Bla dubju, **dak li ġara l-ġimgħa li għaddiet fi Strasburgu**, inkwetakom u, forsi dejjaq lil xi wħud minnkom. Kif tafu, il-PE m'esprimiex ruħu permezz ta' vot, iżda nixtieq, min-naħa tiegħi, nagħtikom l-interpretazzjoni tiegħi ta' l-avvenimenti. Diġà kelli l-okkażjoni li nitkellem dwar dawn l-avvenimenti ma' uħud minnkom, Ruma.

L-ewwelnett, nixtieq nesprimi l-konvinzjoni tiegħi li dak li ġara se jsaħħaħ id-demokrazija fl-UE, se jsaħħaħ l-istituzzjonijiet tagħna, se jinkoraġġixxi l-interess taċ-ċittadini fid-dibattitu politiku Ewropew u se jirriżulta f'aktar effettività fir-rispett għad-drittijiet fundamentali tagħhom.

Fit-tieni lok, fl-ebda mument ma ħsibt li kien hemm xi kriżi istituzzjonali jew xi taqtigħa bejn l-istituzzjoijiet. Dak li ġara hu dak li jiġri s-soltu f'dibattitu demokratiku. Kien dibattitu politiku ġenwin li qajjem interess kbir ta' l-opinjoni pubblika. Wieħed igerger, bir-raġun, minħabba fil-livell baxx ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-elezzjonijiet Ewropej. Wieħed jibża' li r-referenda futuri dwar il-proġett ta' Trattat Kostituzzjonali ma jattirawx biżżejjed l-attenzjoni taċ-ċittadini tagħna. Wieħed ma jistax ħlief ikun sodisfatt bil-fatt li l-Parlament Ewropew, li għandu ħafna kompetenzi, jeżerċithom b'mod responsabbli.

Għandna niftakru li t-Trattati attwali, u aktar u aktar il-Kostituzzjoni futura, jagħtu lill-Parlament Ewropew is-setgħa ta' investitura kolleġjali tal-Kummissjoni. Naħseb li l-bilanċ istituzzjonali la ma ntilef u lanqas ma nbidel. L-awdizzjonijiet tal-Kummissarji maħtura mill-kumitati parlamentari tagħna ippermettewlna nevalwaw il-kapaċità tal-persuni u l-politiki li bi ħsiebhom isegwu.

Fit-tielet lok, id-dibattitu kkonċentra, anke jekk mhux esklużivament, fuq kwistjonijiet soċjali sensittivi ħafna: il-kwistjoni kruċjali tal-politika dwar il-kenn politiku u l-immigrazzjoni, l-irwol tan-nisa **fil**-familja u fix-xogħol, in-*non*-diskriminazzjoni kontra persuni minħabba fil-preferenzi sesswali tagħhom, ir-relazzjoni bejn l-etika u l-politika. Il-Parlament Ewropew qatt ma ddiskrimina kontra xi ħadd minħabba fit-twemmin tiegħu.

F'Ewropa li għadha kif stagħniet b'Karta ta' Drittijiet Fondamentali, hu normali li jiġu dibattuti suġġetti bħal dawn.

Huma x'inhuma l-opinjonijiet fuq dawn is-suġġetti, id-dibattitu wera li l-Unjoni tagħna, lil hinn mill-karatteristiċi ekonomiċi tagħha, hija bbażata fuq valuri fundamentali komuni. Sinċerament nemmen li l-Parlament ikkontribwixxa għat-tisħiħ tal-valuri ta' tolleranza u ta' rispett fuq liema hi bbażata l-Ewropa.

Iżda l-Parlament enfasizza bl-istess mod preokkupazzjonijiet oħra. Il-Parlament irid Kummissjoni indipendenti, magħmula minn kummissarji li huma kompetenti fil-qasam tad-doveri li jiġu assenjati lilhom.

Fl-aħħarnett, jiena konvint li l-Unjoni Ewropea teħtieġ kemm Parlament Ewropew kredibbli kif ukoll Kummissjoni b'saħħitha. L-ebda waħda minn dawn l-istituzzjonijiet se tissaħħaħ waqt li ddgħajjef lill-oħra. Il-President Barroso, li f'Lulju ngħata fiduċja kbira mill-Parlament, ħa d-deċiżjoni tajba u ġusta li ma jippreżentax proposta dwar il-kulleġġ ta' kummissarji tiegħu.

Il-Parlament m'għamel xejn ħlief li eżerċita l-kompetenzi mogħtija lilu mit-Trattati. Hu impossibbli li jingħataw setgħat lil istituzzjoni li hi eletta permezz ta' suffraġju universali bil-kundizzjoni li ma teżerċithomx…

Nittama li, mill-aktar fis, jiġu proposti soluzzjonijiet politiċi sabiex il-Parlament ikun jista' jagħti l-fiduċja tiegħu lill-kulleġġ tal-Kummissarji. Diġà saru xi passi importanti f'dan ir-rigward, u jien konvint li se jsiru oħrajn f'dan il-Kunsill Ewropew, sabiex is-Sur Barroso jkun jista' jagħmel il-proposta tiegħu biex jilħaq dan il-għan. Il-PE jinsab lest biex mingħajr dewmien jibda jmexxi l-proċess sabiex isir il-vot ta' investitura tal-kummissjoni l-ġdida, jekk hu possibbli mis-sessjoni plenarja li jmiss.

***

Barra minn hekk, nixtieq infaħħar l-isforzi partikolari tal-Presidenza Olandiża f'dak li għandu x'jaqsam mat-tema tal-**komunikazzjoni maċ-ċittadini**. Ipparteċipajt f'Kunsill informali, li kien interessanti ferm, bejn il-Ministri ta' l-Affarijiet Ewropej fil-5 ta' Ottubru f'Amsterdam dwar dan is-suġġett. Il-Parlament se jieħu vot dwar l-opinjoni tiegħu fir-rigward tat-Trattat kostituzzjonali f'Diċembru u skond din l-opinjoni, ser immexxu kampanja ta' informazzjoni ddeċentralizzata kemm jista' jkun.

***

Sinjuri Membri tal-Kunsill Ewropew, il-ħidma fir-rigward tal-Konvenzjoni bdiet b'fażi ta' smigħ li ppermettietilna li nsiru nafu l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini fir-rigward ta' l-Unjoni Ewropea. Essenzjalment, dawn kienu tlieta: ix-xogħol, is-sigurtà u l-preżenza ta' l-Ewropa fix-xena internazzjonali.

U preċiżament, ix-xogħol u s-sigurtà huma iż-żewġ suġġetti ewlenin fuq l-aġenda tagħkom.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-iżvilupp u x-xogħol, illum għandna f'idejna rapport imħejji mis-Sur Wim Kok, dwar l-**istrateġija ta' Lisbona**.

L-ewwel ħaġa li għandna nagħmlu fir-rigward ta' l-istrateġija ta' Lisbona hi li niefqu milli nsejħulha hekk. Ħadd ma jaf fuq xiex qed nitkellmu. Nipproponi li nitkellmu dwar: "strateġija għall-kompetittività, il-koeżjoni soċjali u l-ambjent".

Fil-Kunsill Ewropew tar-rebbiegħa li jmiss, ikunu għaddew ħames snin minn meta l-Unjoni Ewropea ddeċidiet li tagħti lilha nfisha l-għan, se nikkwota, li "issir in-*knowledge-based economy* l-aktar kompettittiva u l-aktar dinamika fid-dinja, kapaċi li ssostni żvilupp ekonomiku tul iż-żmien flimkien ma' titjib kwantitattiv u kwalitattiv fix-xogħol u koeżjoni soċjali akbar". Minħabba fl-użu ripetut ta' din il-frażi, qed tibda tinstema' bħal frażi ritwalistika.

Iżda jiġri x'jiġri, il-ħidma fuq dan il-proċess tibqa' fundamentali jekk irridu jkollna livell għoli ta' xogħol, kapaċi li jiffinanzja waħdu, f'Ewropa b'popolazzjoni li qed tixjieħ - kif ġie enfasizzat b'mod drammatiku fir-rapport KOK - il-politika ta' solidarjetà li tikkostitwixxi l-qalba stess tal-mudell soċjali Ewropew.

F'Lisbona, tajna lilna nfusna l-għan li 70% tal-popolazzjoni tkun qed taħdem. Illum, il-persentaġġ milħuq hu ta' 63%, kontra l-71% fl-Istati Uniti.

L-ispejjeż fir-rigward tar-riċerka u l-iżvilupp. Il-Kunsill Ewropew ta' Barċellona kien iffissa bħala skop it-3% tal-PGD. Illum, l-Ewropa staġnat f'1,9% tal-PGD, kontra 2,8% fl-Istati Uniti u 3,1% fil-Ġappun.

Iżda ma rridux ninsew illi dawn l-għanijiet ġew iffissati f'perjodu ta' prosperità ekonomika. Illum, f'sitwazzjoni ekonomika aktar diffiċli, bil-fors irridu ninnotaw li dawn l-għanijiet għad fadlilhom ħafna biex jintlaħqu. Lanqas m'aħna se nilħquhom fl-2010 mingħajr ma nsaħħu l-isforzi bis-serjetà.

U meta jirriżulta li xi għanijiet ma jistgħu jintlaħqu qatt, għandna jkollna l-kuraġġ li nibdluhom mingħajr ma nabbandunaw it-tama li jintlaħqu fi żmien realistiku.

Ċertament, il-kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea hi battalja li trid titmexxa l-ewwelnett f'kull Stat Membru u l-Kummissjoni u l-Kunsill jafu sew b'dan. Iżda l-Unjoni Ewropea bħala tali tista' u għandha tikkontribwixxi għal dan il-proċess, għaliex jekk le, qed niddiskutuh hawnhekk għalxejn.

Hu indispensabbli li niżguraw traspożizzjoni tad-direttivi fil-liġijiet nazzjonali mingħajr dewmien. Kif tafu, għall-istrateġija ta' Lisbona, hemm biss 7 direttivi minn 40 li huma applikabbli fl-Istati Membri kollha. U r-rata medja ta' traspożizzjoni tad-direttivi kollha ta' l-UE ma taqbiżx is-60%.

Biex niżguraw is-suċċess ta' "strateġija għall-kompetittività, il-koeżjoni u l-ambjent" it-tliet Istituzzjonijiet tagħna jridu jipprogrammaw ix-xogħol b'aġenda preċiża, bi skopijiet aktar immirati u b'determinazzjoni li japplikaw f'kull ċirkustanza l-ftehim "nilleġiżlaw aħjar" li ffirmaw f'Diċembru 2003.

Id-dibattiti li ser ikollna dwar ir-riforma tal-Patt ta' Stabbiltà u dwar l-iffinanzjar futur ta' l-Unjoni għandhom isiru bl-iskop li l-iżvilupp ekonomiku, ix-xogħol ta' kwalità, ir-riċerka, it-teknoloġiji u l-innovazzjoni Ewropej jiġu stimolati.

Għalhekk, il-Parlament Ewropew adotta mekkaniżmu ta' kordinazzjoni tal-kumitati parlamentari kollha involuti u waqqaf kumitat temporanju għall-iffinanzjar futur ta' l-Unjoni, li ser nippresiedi jien stess.

B'dan il-għan, u kif qalu bir-raġun dal-għodu l-Prim Ministri tal-Polonja u tad-Danimarka, irridu nkbabbru l-fondi allokati għar-riċerka sabiex nimmobilizzaw ir-riżorsi xjentifiċi tal-25 pajjiż u biex nimmotivaw liż-żgħażagħ li għażlu karriera fix-xjenza. Irridu nevitaw li t-tagħrif tagħhom jiġi esportat lil hinn mill-fruntieri tagħna u li b'hekk inkomplu nżidu mad-defiċit teknoloġiku tagħna.

***

**Iċ-ċittadini Ewropej jistennew ukoll mill-Unjoni Ewropea li din tiggarantixxi s-sigurtà tagħhom**. Il-Parlament Ewropew jixtieq li ċerti dispożizzjonijiet ippjanati għat-Trattat Kostituzzjonali jiġu antiċipati, skond il-prinċipji tat-Trattati eżistenti. Qed nirreferi għal sistema komuni Ewropea ta' kenn politiku u statut uniformi għar-rifuġjati, li qed jiġu dibattuti bħalissa.

Bl-istess mod, naħsbu li ż-żewġ strutturi komunitarji marbutin mad-dispożizzjonijiet fil-qasam ta' l-immigrazzjoni (art. 67 tat-Trattat) u ma' dawk tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità internazzjonali ma jistgħux jistennew li l-Kostituzzjoni tidħol fis-seħħ biex jiġu attivati.

Il-Parlament Ewropew jinsisti ħafna fuq l-importanza tal-kodeċiżjoni f'dan il-qasam, jiġifieri li d-deċiżjonijiet jittieħdu miż-żewġ fergħat ta' l-Awtorità Leġiżlattiva. F'dan il-kuntest nixtieq inħeġġiġkom tadottaw il-proposta tal-Presidenza Olandiża li, b'loġika demoktratika, tistieden lill-Kunsill Ewropew biex jgħaddi għall-maġġoranza kwalifikata fl-oqsma tal-kenn politiku, ta' l-immigrazzjoni u tal-kontroll tal-fruntieri.

Qed nitkellmu fuq wieħed mill-elementi ewlenin tat-Trattat Kostituzzjonali: jekk il-Kunsill jopponi ruħu llum, kif nistgħu nispjegaw liċ-ċittadini tagħna li r-ratifikazzjoni ta' din il-Kostituzzjoni hija essenzjali u urġenti?

It-theddida tat-terroriżmu internazzjonali hija l-iktar problema li taffettwa l-koeżistenza u s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej. Il-Parlament Ewropew jemmen li għandhom jiġu adottati għadd ta' miżuri kemm jista' jkun malajr: it-titjib tal-kollaborazzjoni u ta' l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-servizzi tal-pulizija, b'mod partikolari bit-trasformazzjoni ta' Europol f'Aġenzija Ewropea, l-innegozjar f'isem l-Unjoni ta' ftehim internazzjonali ta' koperazzjoni bejn il-pulizija u t-twaqqif ta' uffiċċju Ewropew ta' għajnuna għall-vittmi tat-terroriżmu.

Il-Parlament jemmen ħafna fil-ħolqien ta' politika Ewropea soda għall-kenn politiku, li ssaħħaħ il-miżuri għall-protezzjoni tar-rifuġjati li jiggarantixxu li dawn ikunu jistgħu jgawdu d-drittijiet tagħhom u li ma jippermettux it-tkeċċija kollettiva.

Sinjuri Membri tal-Kunsill Ewropew,

Il-Parlament Ewropew jista' wkoll jgħin biex iħejji t-triq għad-deċiżjoni diffiċli dwar it-Turkija li ser ikollkom tieħdu f'Diċembru.

Il-Parlament Ewropew jista' jkun interlokutur utli, meta wieħed iqis li fl-aħħar tal-proċedura l-Parlament jiġi mitlub li jagħti l-opinjoni tiegħu. Il-ħelsien ta' Leyla Zana f'April kienet parzjalment marbuta mar-rifjut tagħna li tiġi minsija rebbieħa tal-Premju Sakharov tal-Parlament.

Huwa diffiċli li nbassru x'ser tkun l-opinjoni tal-Parlament Ewropew fuq it-Turkija fit-2 ta' Diċembru. Iżda aħjar ikun hemm dibattitu sinċier u miftuħ, mibni fuq argumenti reali, milli dibattitu bbażat fuq nofs-veritajiet u preġudizzji. Jiġri x'jiġri, jien ser immur it-Turkija l-għada tal-vot tal-Parlament Ewropew biex nispjega l-pożizzjoni tal-Parlament lill-awtoritajiet Torok u lill-popolazzjoni Torka.

***

Minkejja l-importanza tas-suġġetti li għandkom fuq il-mejda quddiemkom, mhux ser inkun nista' nitkellem dwar il-kwestjoni ta' **l-Istatut tal-Membri Parlamentari Ewropej**.

F'Jannar 2004 il-Kunsill ma rnexxilux jikseb il-maġġoranza kwalifikata għall-approvazzjoni tat-test ta' kompromess innegozjat mill-Presidenzi suċċessivi.

Immedjatament wara l-ħatra tiegħi bħala President tal-Parlament Ewropew, ikkuntattjajt lil uħud mill-Membri tal-Kunsill kif ukoll lilek, Onorevoli President tal-Kunsill Ewropew.

Il-Parlament Ewropew jibqa' jsostni li Statut uniku għall-Membri Parlamentari Ewropej mill-ħamsa u għoxrin pajjiż huwa ta' bżonn. Dan sar indispensabbli bit-tkabbir ta' l-Ewropa.

Kif għidtlek, Onorevoli President, il-Parlament Ewropew kien lest li għal darb'oħra juri flessibbiltà sabiex jintlaħaq ftehim. Madankollu l-Parlament ma jistax jippreżenta proposta formali ġdida mingħajr ma jkun ċert li l-Kunsill ser jaċċettaha. B'hekk nemmen li hemm bżonn ta' konċertazzjoni informali dwar dan is-suġġett qabel it-tmiem ta' din il-Presidenza, jew fil-bidu tal-Presidenza l-ġdida. Wara jkun tard wisq.

Il-Kunsill Ewropew irid jgħidilna jaqbilx jew le li hemm bżonn ta' Statut uniku għall-Membri Parlamentari Ewropej, hekk kif inhu ppjanat fit-Trattat. U ppermettuli li nenfasizza l-urġenza estrema ta' din il-kwestjoni. **Jekk il-Kunsill jikkonferma, jiena ċert li nkunu nistgħu nilħqu ftehim. Jekk le, il-Parlament għandu bżonn ikun jaf.**

Biex nagħlaq dan id-diskors, Onorevoli President, il-Parlament Ewropew għandu l-intenzjoni li jqajjem dibattitu politiku fuq id-deċiżjonijiet li huma kruċjali għall-ġejjieni tagħna. Dan id-dibattitu għandu jsaħħaħna u nispera li jgħinna niġu mifhuma aħjar mill-opinjoni pubblika. Is-suċċess tal-Kostituzzjoni, pass vitali għall-futur tagħna, jiddependi minn dan.

Ejja nwettqu dan flimkien.

***